



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2020
COM(2020) 950 final

ANNEX 2

ANNESS

tar-

**RAPPORT LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT
EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2020 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont ir-Regolament (UE)
2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika**

Anness – Sussidji tal-enerġija fl-UE

1. Daħla

Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika (“ir-Regolament dwar il-Governanza”) jirrikjedi li kull sena l-Kummissjoni tirrapporta dwar “il-progress tal-Istati Membri lejn it-tneħħija gradwali tas-**sussidji tal-enerġija**, b’mod partikolari fir-rigward tal-karburanti **fossili**”¹.

Dan l-Anness iwieġeb għar-rekwiżit billi jirrapporta dwar l-isforzi tal-UE biex dawn is-sussidji jitneħħew b’mod gradwali. Dan f’konformità mal-impenji fil-Ftehim ta’ Pariġi², il-konklużjonijiet/l-impenji tal-G7³ u tal-G20⁴ u kif rifless fil-prinċipju ta’ komunikazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta’ “la tagħmilx ħsara” li ġie mfakkar fin-Next Generation EU.

Il-monitoraġġ u l-analiżi tas-sussidji huma importanti peress li l-miżuri ta’ sussidju jistgħu jinfluwenzaw l-użu ta’ teknoloġiji ġodda fis-settur tal-enerġija u l-konsum ta’ sorsi ta’ enerġija differenti, u jistgħu jimplikaw piż sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Skont kif huma strutturati s-sussidji, dawn jistgħu jkunu jew ta’ ostakolu jew fattur abilitanti għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u, b’mod aktar ġenerali, għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Il-prezzijiet tal-enerġija huma affettwati wkoll minħabba li s-sussidji jistgħu jħallu impatt fuq l-introjtu tal-konsumaturi tal-enerġija u fuq il-provvista tal-prodotti tal-enerġija.

Is-sussidji għall-fjuwils fossili jiswew ħafna għall-baġits pubbliċi u jimminaw it-tranżizzjoni ekoloġika. F’ħafna każijiet imorru kontra l-inċentivi għall-investimenti f’teknoloġiji ekoloġiċi, u ma jikkontribwixxux għal kundizzjonijiet ekwi tas-sorsi kollha tal-enerġija, inkluż l-enerġija rinnovabbli. Sabiex jiġu appoġġati l-isforzi għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, tul dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-Istati Membri żiedu l-proċess ta’ monitoraġġ għas-sussidji tal-enerġija, u b’mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili. Għalhekk, dan ir-rapport huwa bbażat fuq żewġ sorsi. L-ewwel nett, fuq studju komprensiv imħejji għall-Kummissjoni (“l-Istudju”)⁵ li jkopri l-Istati Membri tal-UE u s-sorsi ewlenin kollha tal-enerġija f’setturi ekonomiċi differenti. It-tieni, fuq informazzjoni mill-Istati Membri inkluża fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima (NECPs) biex jirrapportaw dwar is-sussidji tal-enerġija, b’mod partikolari għall-fjuwils fossili u l-progress li sar fit-tneħħija gradwali tagħhom.

Dan l-Anness janalizza diversi tipi ta’ sussidji, inklużi miżuri relatati mal-produzzjoni tal-enerġija, id-domanda, l-effiċjenza enerġetika, l-infrastruttura u r-R&D. Jitfa’ dawl fuq is-sussidji fl-enerġija, fit-trasport, fl-unitajiet domestiċi u fl-industriji. Madankollu, is-sussidji rrappurtati mill-Istati Membri fl-NECPs tagħhom ikopru biss firxa idjaq. Dan jirriżulta mill-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda definizzjoni standard tas-sussidji tal-enerġija madwar l-UE kollha, u dan jagħti lill-Istati Membri libertà konsiderevoli fil-prattiki tar-rapportar. F’għadd ta’ NECPs, l-informazzjoni dwar is-sussidji hija wkoll frammentata jew mhix inkluża bl-ebda mod.

¹ L-Artikolu 35, il-punt n tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija (2018/1999/UE)

² https://unfccc.int/files/essential_background/convention/application/pdf/english_paris_agreement.pdf

³ Dikjarazzjoni tal-mexxejja tal-G7: <https://www.mofa.go.jp/files/000160266.pdf>

⁴ Dikjarazzjoni tas-summit tal-G20 f’Pittsburgh: <http://www.g20.utoronto.ca/2009/2009communique0925.html#energy>

⁵ Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments

https://ec.europa.eu/energy/studies_main/final_studies/study-energy-costs-taxes-and-impact-government-interventions-investments_en
Minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “l-Istudju tal-Kummissjoni”

Ir-rapport ta' din is-sena jikkonferma li minkejja l-iżviluppi pożittivi f'xi Stati Membri, l-ammont globali tas-sussidji tal-enerġija, speċjalment is-sussidji għall-fjuwils fossili, li jħallu impatt negattiv fuq l-ilħuq tan-newtralità klimatika u tal-oġettivi usa' tal-Patt Ekoloġiku, bħall-kwalità tal-arja u s-saħħa, qed ikompli jiżdied xi ftit. Madankollu, xi Stati Membri - l-Awstrija, id-Danimarka, l-Estonja u l-Ungerija - marru kontra din ix-xejra ġenerali u naqqsu s-sussidji għall-fjuwils fossili tagħhom b'mod sinifikanti.

Il-pandemija tal-COVID-19 tirrikjedi miżuri adegwati biex jiġi żgurat irkupru reżiljenti fl-Istati Membri tal-UE. Bħalissa, ma hemm l-ebda *data* soda bbażata fuq l-evidenza biex jiġi vvalutat l-impatt tal-COVID-19 fuq is-sussidji. Madankollu, l-istimi inizjali jissuġġerixxu li l-kriżi setgħet wasslet għal sussidji tal-enerġija addizzjonali, inkluż dawk għall-fjuwils fossili.

Din il-kwistjoni se tiġi indirizzata f'aktar dettall fir-rapport tas-sena d-dieħla.

2. Sussidji tal-enerġija u sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE

2.1. Sussidji tal-enerġija fl-UE


F'dan ir-rapport, is-sussidji tal-enerġija jitqiesu li jeżistu jekk ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku fit-territorju ta' Stat Membru⁶, skont l-istess kunċett użat fl-istudju tal-Kummissjoni. Is-sussidji tal-enerġija jistgħu jiġu pprovduti f'diversi forom, bħal trasferiment dirett ta' fondi (pereżempju għotjiet, self), dħul tal-gvern mitluf (pereżempju inċentivi u krediti tat-taxxa), il-forniment ta' prodotti u servizzi, pagamenti għal mekkaniżmi ta' finanzjament u appoġġ għall-introjt u jew għall-prezzijiet.

B'mod ġenerali, ġie stmat li s-sussidji **totali tal-enerġija** fl-UE ammontaw għal EUR 159 biljun fl-2018⁷. Dawn żdiedu fl-aħħar deċennju, għalkemm iż-żieda naqset, biex kibru biss b'5 % mill-2015. Għalkemm fl-aħħar deċennju ż-żieda fis-sussidji kienet fil-biċċa l-kbira xprunata mill-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, din kibret biss b'4 % mill-2015. Is-sussidji għall-effiċjenza enerġetika żdiedu b'21 % mill-2015, u dan ikkontribwixxa għal investimenti fil-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija. Is-sussidji għad-domanda għall-enerġija, li jinċentivaw il-konsum tal-enerġija (pereżempju fil-forma ta' ħelsien mit-taxxa jew appoġġ għall-introjt), żdiedu bi 8 % matul l-istess perjodu.

⁶ Skont il-kunċetti stabbiliti mill-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji (https://www.wto.org/english/tratop_e/scm_e/scm_e.htm)

⁷ Sors: L-Istudju tal-Kummissjoni.


Illustrazzjoni 1 – L-evoluzzjoni tas-sussidji tal-enerġija fl-UE skont l-iskop




Sors: Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments

Fl-2018, il-proporzjon tas-sussidji tal-enerġija mal-PDG varja bejn 3,3 % fil-Latvja għal 0,2 % fil-Lussemburgu, b'medja tal-UE ta' 1,2 %. Madankollu, it-tipi ewlenin ta' sussidji varjaw ukoll. Pereżempju, fil-Latvja, is-sussidji appoġġaw primarjament miżuri dwar l-efficienza enerġetika, filwaqt li fil-Ġermanja, kważi żewġ terzi tal-volum totali tas-sussidji appoġġaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fi Franza, il-Belġju, il-Polonja, il-Greċja, l-Irlanda u l-Finlandja, l-ogħla ishma ntefqu fuq il-fjuwils fossili (għalkemm f'termini assoluti, is-sussidji għall-fjuwils fossili fi Franza kienu ftit inqas milli fil-Ġermanja).

Illustrazzjoni 2 – Sussidji tal-enerġija f'ammonti assoluti u bħala perċentwal tal-PDG fl-Istati Membri tal-UE fl-2018





Sors: Id-dokument “Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments” jirreferi għal appoġġ speċifiku ġenerali mhux teknoloġiku għall-elettriku, filwaqt li l-enerġiji kollha jirreferu għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati lil teknoloġija waħda (jew lil diversi tipi ta’ appoġġ teknoloġiku).

Il-bieċa l-kbira tas-sussidji fl-2018 sehhew⁸ fis-settur tal-enerġija (EUR 92 biljun), segwit mill-industrija (EUR 20 biljun), l-unitajiet domestiċi (EUR 17-il biljun), it-trasport (EUR 13-il biljun), u l-agrikoltura (EUR 5 biljun) fl-2018.

L-enerġija rinnovabbli rċeviet kważi tliet kwarti tas-sussidji fis-settur tal-enerġija, u dan juri l-importanza kontinwata tas-sussidji rinnovabbli fl-appoġġ tal-użu tagħhom fis-settur tal-enerġija. F’dawn l-aħħar snin, l-importanza ta’ strumenti ta’ sussidju naqset għal proġetti ġodda primarjament minħabba t-tnaqqis fil-kostijiet tal-investiment tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, li wassal għal tnaqqis fit-tkabbir tas-sussidji tal-enerġija rinnovabbli fl-UE. It-tliet teknoloġiji rinnovabbli l-aktar importanti (ix-xemx, ir-riħ u l-bijomassa) irċewew 30 %, 22 % u 16 % rispettivament tas-sussidji totali tas-settur tal-enerġija.

It-tliet strumenti ta’ sussidju l-aktar importanti għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli kienu t-tariffi feed-in (li għadhom responsabbli għal 70 % tas-sussidji totali rinnovabbli⁹), il-primjums feed-in u l-kwoti li jiġġeddu b’ċertifikati negozjabbli. Minbarra s-settur tal-enerġija, is-sorsi rinnovabbli għandhom rwol ukoll fit-trasport, b’madwar 10 % tas-sussidji tas-settur relatati mal-bijofjuwils.

L-effiċjenza enerġetika rċeviet madwar 9 % tas-sussidji totali tal-UE għall-enerġija fl-2018 fl-UE. L-akbar benefiċjarji ta’ dawn is-sussidji kienu l-unitajiet domestiċi. Fil-livell tal-UE, is-sussidji tal-effiċjenza enerġetika ammontaw għal 0,1 % biss tal-PDG, filwaqt li fil-Latvja

⁸ Is-sussidji bi skopijiet differenti għandhom importanza differenti fis-setturi ekonomiċi kollha. Sussidji li jimmiraw li jappoġġaw il-produzzjoni tal-enerġija (eż. tariffi “feed-in”) u l-infrastruttura tal-enerġija ġew osservati kważi b’mod esklussiv fis-settur tal-enerġija, filwaqt li sussidji mogħtija għall-konsum (domanda għall-enerġija, eż.: eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwils) kienu prominenti fis-setturi li jikkunsmaw l-enerġija bħall-industrija, it-trasport, l-unitajiet domestiċi u l-agrikoltura. Is-sussidji għall-effiċjenza enerġetika kienu mifruxin b’mod aktar ugwali fis-setturi kollha.

⁹ Sussidji għoljin fil-forma ta’ tariffi feed-in jirriflettu l-legat ta’ mekkaniżmi preċedenti peress li din il-forma ta’ appoġġ ma għadhiex tiġi applikata, ħlief għal produttori żgħar

laħqu t-2,4 % u fl-Ungerija u fil-Bulgarija iż-0,7 %. L-effiċjenza enerġetika, speċjalment fis-setturi residenzjali u industrijali, tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, minflok ma tissussidja d-domanda għall-enerġija u l-konsum tal-fjuwils fossili.

Fost is-sussidji speċifiċi, il-**mekkaniżmi tal-pagamenti tal-kapaċità**¹⁰ rċevew madwar EUR 2,2 biljun f'sussidji fl-2018, u kienu stabbli f'livell medju ta' madwar EUR 2 biljun matul l-aħħar ftit snin.

Meta wieħed iħares lejn il-benefiċjarji ewlenin tas-sussidji, l-**unitajiet domestiċi** rċevew madwar 11 % tas-sussidji totali fl-2018, l-aktar fil-forma ta' sussidji għad-domanda tal-enerġija jew tal-effiċjenza enerġetika u appoġġ għall-konsum tal-elettriku.

L-istampa ppreżentata mill-**NECPs** dwar is-sussidji hija pjuttost varjata. Fi tmien NECPs, is-sussidji ma kinux ikkwantifikati u erba' NECPs oħra ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar is-sussidji. Erba' Stati Membri pprovdew biss informazzjoni parzjali. Sitt Stati Membri biss (l-Awstrija, il-Ġermanja, Franza, Spanja, il-Latvja u l-Litwanja) inkludew skeda ta' żmien biex is-sussidji eżistenti (jew mill-inqas parti minnhom) jitneħħew b'mod gradwali. Erba' Stati Membri (il-Kroazja, iċ-Ċekja, il-Finlandja u Malta) iddikjaraw b'mod espliċitu li ma għandhom l-ebda pjan biex jeliminaw b'mod gradwali s-sussidji li jgħinu fit-tranżizzjoni enerġetika.

Is-sussidji tal-enerġija identifikati fl-NECPs li ġew ipprovduti jammontaw għal EUR 55 biljun, jiġifieri terz tal-ammont identifikat mill-istudju. In-numru ta' miżuri identifikati fl-istudju huwa ferm ogħla minn dak issuġġerit mill-NECPs. Jista' jkun li l-Istati Membri ħaddnu interpretazzjonijiet differenti dwar kif għandhom jiġu rrapportati s-sussidji tal-enerġija. Filwaqt li xi wħud mill-Istati Membri rrapportaw *data* għall-2018 jew l-2019, uħud minnhom irreferew għal perjodi preċedenti, u xi wħud ma speċifikawx is-sena ta' rapportar.

Sabiex ir-rapportar dwar il-progress fit-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija jsir komprensiv u sinifikanti, b'mod partikolari dawk relatati mal-fjuwils fossili, l-inkompletezza u n-nuqqas ta' koerenza fil-prattika tar-rapportar jeħtieġ li jiġu indirizzati f'rapporti ta' progress futuri u fi pjanijiet aġġornati, filwaqt li jingħataw linji gwida aktar ċari lill-Istati Membri dwar kif għandhom jirrapportaw dwar is-sussidji.

2.2. Sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE

Is-sussidji għall-fjuwils fossili, li ammontaw għal EUR 50 biljun fl-2018¹¹, kienu relattivament stabbli matul l-aħħar deċennju, u laħqu l-quċċata ta' EUR 53 biljun fl-2012. Dawn bdew jerġgħu jiżdiedu mill-2015, u żdiedu b'6 % sal-2018.

Bħala sehem mill-PDG, dawn varjaw minn 1 % fil-Greċja għal inqas minn 0,1 % fil-Lussemburgu (li jammontaw għal medja ta' 0,4 %¹²). Filwaqt li s-sussidji tal-prodotti tal-


¹⁰ Parti sinifikanti minn dawn il-pagamenti tal-kapaċità jistgħu jiġu assoċjati mal-impjanti tal-enerġija tal-fjuwils fossili, mas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mar-rispons fin-naħa tad-domanda (DSM) li jirrappreżentaw biss sehem iżgħar

¹¹ Sors: L-Istudju tal-Kummissjoni.

¹² F'ammonti assoluti, li jvarjaw minn EUR 10 miljun f'Malta għal EUR 12,2 biljun fil-Ġermanja. Minħabba d-daqs differenti tal-ekonomiji tal-UE, is-sussidji espressi bħala perċentwali tal-PDG jagħmlu aktar sens għat-tqabbil bejn il-pajjiżi.

petroleum kienu akbar fi Franza u fl-Italja, is-sussidji tal-faħam u tal-gass kellhom rwol akbar fil-Ġermanja.

Illustrazzjoni 3 – Is-sussidji għall-fjuwils fossili fl-ammont totali u *bħala perċentwal tal-PDG fl-Istati Membri tal-UE fl-2018*



Sors: Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments

Biex dan l-ammont ta' sussidju ta' EUR 50 biljun għall-fjuwils fossili jitqiegħed f'kuntest, l-investimenti f'kapaċitajiet ġodda tal-ġenerazzjoni tal-enerġija eolika¹³ ammontaw għal EUR 16 biljun fl-2018 fl-UE, filwaqt li l-investimenti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija solari kienu ta' madwar EUR 8 biljun fl-istess perġodu. L-investimenti fis-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku (inklużi l-kapaċitajiet ġodda u r-rikondizzjonar) fl-istess sena ammontaw għal EUR 31 biljun.

¹³ Sors: L-Istudju tal-Kummissjoni. Inklużi installazzjonijiet ġodda fuq l-art u lil hinn mill-kosta, li ammontaw għal 6,8 GW u 0,6 GW rispettivament fl-2018. Installazzjonijiet solari ġodda jinkludu s-sistemi fotovoltajċi u t-tisħin termali solari, li jammontaw rispettivament għal 7,1 GW u 1,4 GW fl-istess perġodu.

Bejn l-2015 u l-2018, is-sussidji għall-fjuwils fossili żdiedu l-aktar fi Franza (b'żieda ta' aktar minn EUR 2 biljun, jew 27 %, l-aktar minħabba miżuri li jappoġġaw il-konsum tal-fjuwil fit-trasport tal-merkanzija). Madankollu, fl-istess ħin naqsu ftit f'xi pajjiżi bħall-Italja (b'EUR 0,4 biljun, jew 6 %, l-aktar minħabba tnaqqis fl-eżenzjonijiet mit-taxxa tas-sisa fit-trasport u tnaqqis fit-tariffi feed-in fil-ġenerazzjoni tal-enerġija) u l-Ġermanja (b'EUR 0,3 biljun, jew 2 %, minħabba, fost l-oħrajn, tnaqqis fis-sussidji għas-settur tal-faħam).

Aktar minn 60 % tas-sussidji għall-fjuwils fossili jistgħu jkunu marbuta ma' miżuri ta' appoġġ għad-domanda għall-enerġija fl-2018, li jimplika li dan l-appoġġ żied il-konsum tal-fjuwils fossili. L-appoġġ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-fjuwils fossili, li jammonta għal 30 %, huwa importanti wkoll, filwaqt li 5 % biss minnu ntefaq fuq ir-ristrutturar tal-industrija bħala għajnuna biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Dan jissuġġerixxi l-ħtieġa li l-miżuri jiġu orjentati lejn l-oġettiv tat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili.

Is-sussidji għall-**prodotti taż-żejt u tal-petroleum**, li ammontaw għal kważi nofs it-total, żdiedu bi 18 % bejn l-2015 u l-2018, filwaqt li tipi oħra ta' sussidji għall-fjuwils fossili staġnaw jew naqsu. Iż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum f'dan il-perjodu seta' kellha impatt ukoll fuq is-sussidji għall-prodotti tal-petroleum.

Sussidji għall-faħam, għall-gass naturali u għal diversi fjuwils oħrajn (pereżempju l-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-enerġija) kienu jammontaw għal madwar 17-18 % tat-total fl-2018.

Meta mqabbla mal-2015, is-sussidji għall-**faħam** naqsu b'9 %, u dan jirrifletti s-sehem dejjem jonqos tal-faħam fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. Fl-istess ħin, is-sussidji għall-**gass naturali** żdiedu b'4 %. Din id-*data* ma tirriflettix il-bidla mill-faħam għall-gass fit-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-enerġija tal-UE li seħħet fl-2019, iżda wieħed jista' jassumi li flimkien ma' konsum aktar baxx, is-sussidji għall-faħam naqsu aktar mill-2018 'l hawn u s-sussidji għall-gass setgħu għolew fis-settur tal-enerġija.


Is-sussidji għall-fjuwils fossili fis-**settur tal-enerġija** baqgħu stabbli bejn l-2015 u l-2018, bis-sussidji għall-faħam jammontaw għal 30 %. Is-settur tat-**trasport** irċieva 20 % aktar sussidji għall-fjuwils fossili fl-2018 minn 3 snin qabel, l-aktar fil-forma ta' sussidji għall-prodotti tal-petroleum. Is-sussidji għall-fjuwils fossili fl-**agrikoltura** żdiedu b'6 % fl-istess perjodu u kienu kważi esklussivament relatati mas-sussidji għall-prodotti tal-petroleum. Is-sussidji għall-fjuwils fossili fis-**setturi industrijali** u fl-**unitajiet domestiċi** żdiedu biss b'3/4 %. Filwaqt li l-fjuwils fossili rċevew 10 % tas-sussidji totali li jmorru fl-unitajiet domestiċi, dan is-sehem kien aktar minn nofs fl-industrija.

Meta wieħed iħares lejn is-sorsi ta' finanzjament, is-sussidji għall-fjuwils fossili kienu pprovduti l-aktar fil-forma ta' nefqiet tat-taxxa¹⁴ (madwar 70 % tat-total, inklużi eżenzjonijiet

¹⁴ Huwa importanti li wieħed jinnota hawnhekk li fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa, għall-kalkolu tas-sussidji jitqiesu biss id-differenzi fir-rata tat-taxxa fl-istess tip ta' fjuwil. Is-sussidji għall-fjuwils differenti ma jiġux ikkalkulati, minħabba li jkun estremament ikkumplikat li dan isir b'mod konsistenti fis-setturi kollha u fit-tipi kollha ta' fjuwil. Madankollu, fuq il-bażi ta' *data* parzjali tal-pajjiż, l-istudju jagħti stimi dwar is-sussidjar reċiproku għall-fjuwils tad-diżil u tal-petrol. Dawn in-numri mhumiex inklużi fl-ammont totali ta' sussidji fl-UE peress li hemm biss informazzjoni parzjali disponibbli. Is-sussidji potenzjali għall-fjuwil fis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali huma stmati wkoll, iżda mhumiex inklużi fin-numru totali ta' sussidji tal-UE. Għal aktar informazzjoni, ara d-dokument "Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments" [link].

mit-taxxa fuq il-konsum u mid-dazju tas-sisa, tnaqqis, rifużjonijiet, eċċ.). L-appoġġ għall-prezzijiet u l-introjt u kien tliet darbiet aktar baxx. It-trasferimenti diretti, l-aktar fil-forma ta' għotjiet, kellhom rwol iżgħar.

Illustrazzjoni 4 – Is-sussidji għall-fjuwils fossili fis-setturi differenti tal-ekonomija



Sors: Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments

Data aggregata mill-NECPs tirrapporta biss dwar EUR 30 biljun ta' sussidji għall-fjuwils fossili, li huwa 60 % tar-riżultati tal-istudju tal-Kummissjoni. Tliet Stati Membri (il-Kroazja, l-Estonja u Malta) iddikjaraw b'mod espliċitu li mhumiex qed jipplanaw li jeliminaw b'mod gradwali (għadd ta') sussidji speċifiċi għall-fjuwils fossili, b'referenza l-aktar għall-ħarsien tal-kompetittività jew tal-vijabbiltà ekonomika ta' diversi setturi.

Tlettat-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Greċja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Portugall u Spanja) indikaw li beħsiebhom jaħdmu biex jistabbilixxu pjanijiet għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, għalkemm mhux kollha kemm huma żviluppaw il-pjanijiet tagħhom. *Data* mhux kompluta ma tippermettilniex niks bu stampa komprensiva tas-sitwazzjoni u titlob titjib sinifikanti fir-rappurtar.


L-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu l-oġettivi nazzjonali tagħhom dwar it-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili, bħala parti mir-rapporti ta' progress tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Governanza.

3. Tqabbil internazzjonali tas-sussidji għall-fjuwils fossili

Il-pajjiżi tal-G20 barra mill-UE jonfqu aktar fuq is-sussidji għall-fjuwils fossili meta mqabbla mal-PDG tagħhom mill-medja tal-UE ta' 0,4 %, (b'xi eċċezzjonijiet, jigiġifieri ċ-Ċina, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Korea u l-Ġappun). Pajjiżi produttori kbar tal-enerġija fossili għandhom it-tendenza li jonfqu proporzjonalment aktar fuq sussidji relatati. L-Arabja Sawdija nefqet aktar minn 8 % tal-PDG tagħha fuq is-sussidji għall-fjuwils fossili fl-2018. Dan waħdu ammonta għal aktar mis-sussidji totali għall-fjuwils fossili li ntefqu fl-UE, li prinċipalment

jappoġġaw il-konsum domestiku tal-prodotti tal-petroleum. Ir-Russja nefqet tliet darbiet aktar fuq is-sussidji għall-fjuwils fossili bħala perċentwal tal-PDG meta mqabbel mal-UE.

Illustrazzjoni 5 – Is-sussidji għall-fjuwils fossili f'ammonti assoluti u fil-perċentwal tal-PDG fl-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-G20 mhux tal-UE



Sors: “Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments” u l-komputazzjonijiet proprji. Għall-pajjiżi mhux tal-UE, minħabba l-komparabbiltà limitata fil-klassifikazzjoni u fil-metodoloġija tas-sussidji, flimkien ma’ diffikultajiet fil-għbir tad-data, ir-riżultati għandhom jiġu interpretati b’kawtela. Iċ-ċart ma tistax turi dan b’mod ċar, iżda l-Arabja Sawdija nefqet aktar minn 8 % tal-PDG tagħha fuq sussidji għall-fjuwils fossili.

4. Konklużjonijiet

Din is-sejba ta’ dan ir-rapport hija bbażata l-aktar fuq l-istudju dwar is-sussidji li sar għall-Kummissjoni. Dan jipprovdi informazzjoni aktar komprensiva dwar is-sussidji meta mqabbla mal-informazzjoni dwar is-sussidji tal-enerġija u għall-fjuwils fossili pprovduta mill-NECPs.

Is-sussidji għall-fjuwils fossili ma naqsux b’mod sostanzjali fl-aħħar deċennju; f’xi każijiet saħansitra żdiedu.

Barra minn hekk, il-kompletezza u l-koerenza tal-NECPs tal-Istati Membri differenti jeħtieġ li jittejjbu. Il-Paragun mal-istudju tal-Kummissjoni juri sottompurtar mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom rigward is-sussidji. Ftit Stati Membri biss ippreżentaw pjanijiet dettaljati dwar it-tneħħija gradwali tas-sussidji. Dan juri l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri.

Il-gwida tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni, il-kopertura u l-metodoloġija għar-rapportar mill-Istati Membri dwar is-sussidji tal-enerġija, inklużi dawk dwar il-fjuwils fossili, b’mod aktar koerenti u komparabbli tista’ tkun mod wieħed kif tittejjeb is-sitwazzjoni u kif ir-rapporti ta’ progress futuri jsiru aktar komprensivi u preċiżi. Il-Kummissjoni se tippubblika wkoll ir-riżultati dettaljati tal-istudju tagħha dwar is-sussidji biex tipprovdi stampa komprensiva tas-sitwazzjoni¹⁵.

¹⁵ Ara d-dokument “Study on energy costs, taxes and the impact of government interventions on investments” (bl-iskedi informattivi għall-pajjiż) https://ec.europa.eu/energy/studies_main/final_studies/study-energy-costs-taxes-and-impact-government-interventions-investments_en

